

Brussell, 9 ta' April 2021
(OR. en)

7668/21

**Fajl Interistituzzjonali:
2014/0008(NLE)**

**AVIATION 71
RELEX 282
OC 9
NIS 5**

NOTA TA' TRAŻMISSJONI

minn:	Is-Segretarju Ġenerali tal-Kummissjoni Ewropea, iffirmata mis-Sa Martine DEPREZ, Direttur
data meta waslet:	8 ta' April 2021
lil:	Is-Sur Jeppe TRANHOLM-MIKKELSEN, Segretarju Ġenerali tal-Kunsill tal-Unjoni Ewropea
Nru dok. Cion:	COM(2021) 158 final
Suġġett:	Proposta emendata għal DEĊIŻJONI TAL-KUNSILL dwar l-iffirmar, f'isem l-Unjoni Ewropea, u l-applikazzjoni provviżorja tal-Ftehim dwar Spazju Komuni tal-Avjazzjoni bejn l-Unjoni Ewropea u l-Istati Membri tagħha u l-Ukrajna

Id-delegazzjonijiet għandhom isibu meħmuż id-dokument COM(2021) 158 final.

Mehmuż: COM(2021) 158 final



IL-KUMMISSJONI
EWROPEA

Brussell, 8.4.2021
COM(2021) 158 final

2014/0008 (NLE)

Proposta emendata għal

DEĊIŻJONI TAL-KUNSILL

**dwar l-iffirmar, f'isem l-Unjoni Ewropea, u l-applikazzjoni provvizzorja tal-Ftehim dwar
Spazju Komuni tal-Avjazzjoni bejn l-Unjoni Ewropea u l-Istati Membri tagħha u l-
Ukrajna**

MEMORANDUM TA' SPJEGAZZJONI

Fit-15 ta' April 2014, il-Kummissjoni adottat u sussegwentement ippreżentat lill-Kunsill proposta għal deċiżjoni dwar l-iffirmar, f'isem l-Unjoni Ewropea, u l-applikazzjoni proviżorja tal-Ftehim dwar Spazju Komuni tal-Avjazzjoni bejn l-Unjoni Ewropea u l-Istati Membri tagħha u l-Ukrajna (COM(2014)18 final).

Il-proposta preżenti temenda l-proposta msemmija hawn fuq f'dan li ġej u għar-raġunijiet li ġejjin.

L-ewwel nett, wara l-ħruġ tar-Renju Unit mill-Unjoni u tmiem il-perjodu ta' tranżizzjoni ġew innegozjati ċerti adattamenti għall-Ftehim, jiġifieri t-tneħħija tar-Renju Unit bħala firmatarju tal-Ftehim u ta' referenzi għal Ġibiltà fid-definizzjoni ta' territorju fl-istess Ftehim. L-Ukrajna qablet ma' dawn l-adattamenti.

Barra minn hekk, qed jiġu proposti ċerti emendi tad-deċiżjoni, partikolarment (i) sabiex il-Kummissjoni tiġi awtorizzata tadotta l-pożizzjoni tal-Unjoni fir-rigward ta' ċerti deċiżjonijiet tal-Kumitat Konġunt stabbilit mill-Ftehim, u (ii) biex id-deċiżjoni tiġi adattata għas-sentenza tal-Qorti tal-Ġustizzja tal-28 ta' April 2015 fil-Kawża C-28/12.

Barra minn hekk, huma proposti xi emendi ta' natura editorjali.

Sabiex jiġi ffaċilitat l-eżami mill-Kunsill, it-test rilevanti kollu qiegħed jiġi ppreżentat bħala proposta emendata.

Proposta emendata għal

DEĊIŻJONI TAL-KUNSILL

dwar l-iffirmar, f'isem l-Unjoni Ewropea, u l-applikazzjoni provviżorja tal-Ftehim dwar Spazju Komuni tal-Avjazzjoni bejn l-Unjoni Ewropea u l-Istati Membri tagħha u l-Ukrajna

IL-KUNSILL TAL-UNJONI EWROPEA

Wara li kkunsidra t-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea, u b'mod partikolari l-Artikolu 100(2), flimkien mal-Artikolu 218(5) u (7) tiegħu,

Wara li kkunsidra l-proposta tal-Kummissjoni Ewropea,

Billi

- (1) Fit-12 ta' Diċembru 2006, il-Kunsill awtorizza lill-Kummissjoni biex jinfetħu negozjati mal-Ukrajna dwar il-Ftehim dwar Spazju Komuni tal-Avjazzjoni bejn l-Unjoni Ewropea u l-Istati Membri tagħha u l-Ukrajna (il-“Ftehim”). Bħala riżultat ta' dawk in-negozjati, l-ewwel verżjoni tal-Ftehim ġiet inizjalata fit-28 ta' Novembru 2013.
- (2) Wara l-ħruġ tar-Renju Unit mill-Unjoni Ewropea u tmiem il-perjodu ta' tranżizzjoni previst fl-Artikoli 126 u 127 tal-Ftehim dwar il-ħruġ tar-Renju Unit tal-Gran Brittanja u l-Irlanda ta' Fuq mill-Unjoni Ewropea u mill-Komunità Ewropea tal-Enerġija Atomika, ġew innegozjati adattamenti. Jiġifieri, l-isem tar-Renju Unit bħala firmatarju tal-Ftehim u r-referenzi għal Ġibiltà fid-definizzjoni ta' “territorju” tneħħew. L-Ukrajna qablet ma' dawk il-bidliet fl-30 ta' Ottubru 2020.
- (3) Il-Ftehim jenħtieġ jiġi ffirmat f'isem l-Unjoni, soġġett għall-konklużjoni tiegħu f'data aktar tard.
- (4) Sabiex ikunu jistgħu jibdew japplikaw il-benefiċċji tal-Ftehim kmieni kemm jista' jkun, dan jenħtieġ jiġi applikat provviżorjament,

ADOTTA DIN ID-DEĊIŻJONI:

Artikolu 1

L-iffirmar tal-Ftehim dwar Spazju Komuni tal-Avjazzjoni bejn l-Unjoni Ewropea u l-Istati Membri tagħha u l-Ukrajna, huwa b'dan awtorizzat f'isem l-Unjoni, soġġett għall-konklużjoni tal-Ftehim imsemmi.

It-test tal-Ftehim li jrid jiġi ffirmat huwa meħmuż ma' din id-Deċiżjoni.

Artikolu 2

Is-Segretarjat Ġenerali tal-Kunsill għandu jstabbilixxi l-istrument tas-setgħat sħaħ għall-iffirmar tal-Ftehim, soġġett għall-konklużjoni tal-Ftehim, għall-persuna/i indikata/i min-negozjatur tal-Ftehim.

Artikolu 3

Il-Ftehim għandu jiġi applikat provviżorjament f'konformità mal-Artikolu 38(3) tiegħu, sakemm jidħol fis-seħħ.

Artikolu 4

Il-Kummissjoni hija awtorizzata tadotta l-pożizzjoni li trid tittieħed mill-Unjoni fir-rigward tad-deċiżjonijiet tal-Kumitat Konġunt skont l-Artikolu 15(3) tal-Ftehim biex jiġi emendat l-Anness I tiegħu billi tiġi integrata l-leġiżlazzjoni tal-Unjoni f'dak l-Anness, soġġett għal kwalunkwe aġġustament tekniku meħtieġ, wara li jiġi kkonsultat Kumitat Speċjali maħtur mill-Kunsill.

Artikolu 5

Din id-Deċiżjoni għandha tidħol fis-seħħ fil-jum tal-adozzjoni tagħha.

Magħmul fi Brussell,

Għall-Kunsill

Il-President

[...]